Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,930, 27 ta' Settembru, 2022
Taqsima B

A.L. 241 tal-2022

ORDINANZA DWAR L-AVUKAT ĠENERALI (KAP. 90)

ATT DWAR L-AVUKAT TAL-ISTAT (KAP. 603)

Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Prosekuzzjoni ta' Reati (Dispożizzjonijiet Tranżitorji)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3(ċ) tal-Ordinanza dwar l-Avukat Ġenerali u bl-artikolu 1 tal-Att dwar l-Avukat tal-Istat, il-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Prosekuzzjoni ta' Reati (Dispożizzjonijiet Tranżitorji) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Prosekuzzjoni ta' Reati (Dispożizzjonijiet Tranżitorji), hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S. 90.01.
L.S. 603.01.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2022.

Jemenda l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. L-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata b'dan li ġej:

(a) il-paragrafu (i) tal-partita 1 tagħha, għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(i) Tentattiv jew assoċjazzjoni biex jitwettaq jew kompliċità fir-reati msemmija fil-paragrafi (a), (b), (ċ), (d), (e), (f), (g) u (h) hawn fuq.";

(b) fil-partita 1A tagħha:

(i) fl-ewwel paragrafu tagħha, il-kliem "bħala Qorti ta' istruttura kriminali" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "bħala qorti istruttorja"; u

(ii) il-paragrafu (h) tagħha, għandu jiġi sostitwit b' dan li ġej:

"(h) tentattiv jew assoċjazzjoni biex jitwettaq jew kompliċità fir-reati msemmija fil-paragrafi (a), (b), (ċ), (d), (e), (f) u (g) hawn fuq.";

(ċ) minnufih wara l-partita 1A tagħha, għandha tiġi miżjuda din il-partita ġdida li ġejja:

"1B. L-Avukat Ġenerali għandu s-setgħa li jiddeċiedi jekk prosekuzzjoni għandha jew ma għandhiex tiġi istitwita fil-kategoriji ta' reati segwenti meta l-akkużi għandhom jiġu preżentati fil-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali jew fil-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti istruttorja fl-1 ta' Ottubru 2022 jew wara:

(a) falsifikazzjoni ta' obbligazzjonijiet tal-Gvern, falsifikazzjoni ta' atti tal-Gvern, ġudizzjarji, jew uffiċjali u falsifikazzjoni tas-siġill pubbliku ta' Malta taħt is-subtitolu I tat-Titolu V tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali;

Kap. 9.

(b) falsifikazzjoni ta' atti minn uffiċjal pubbliku taħt is-subtitolu II tat-Titolu V tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali u falsifikazzjoni jew tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni ta' flejjes taħt is-subtitolu III tat-Titolu V tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali;

Kap. 9.

Kap. 9.

(ċ) prostituzzjoni tad-dixxendent taħt l-età minn axxendent, ta' konjuġi taħt l-età, jew ta' minuri, mir-raġel jew mill-mara jew mit-tutur, ta' dixxendent jew konjuġi tal-età, minn axxendent jew mir-raġel jew mill-mara taħt is-subtitolu I tat-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali;

Kap. 9.

(d) istigazzjoni bi vjolenza ta' persuni ta' taħt l-età għall-prostituzzjoni jew għall-parteċipazzjoni f'wirja pornografika, tħajjir ta' persuni ta' taħt l-età għall-prostituzzjoni jew għall-parteċipazzjoni f'wirja pornografika, parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' persuni ta' taħt l-età ta' sittax (16) il-sena, attivitajiet sesswali illegali, min iġiegħel jew iħajjar għall-prostituzzjoni persuni tal-età, att ta' natura sesswali mingħajr kunsens, laqgħa ma' tifel wara preparazzjoni sesswali eċċ., reklamar ta' turiżmu sesswali taħt is-subtitolu II tat-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali; Kap. 9.

(e) mutilazzjoni tal-organi ġenitali ta' mara, sterilizzazzjoni furzata, żwieġ furzat, ġbid b'qerq ta' persuna għat-territorju ta' Stat ieħor għal żwieġ furzat taħt is-subtitolu IX tat-Titolu VIII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali; Kap. 9.

(f) esplożjoni b'perikolu tal-ħajja jew tal-proprjetà, sparar eċċ., ta' mezz letali, pussess, użu eċċ., ta' materjal nukleari, użu ta' materjal radioattiv, mezz letali jew faċilità nukleari mfassla biex jikkawżaw il-mewt, pussess illegali ta' materjal radioattiv jew li jiġi magħmul jew ikun hemm il-pussess ta' mezz letali, ħruq ta' tarznar eċċ., ħruq b'perikolu tal-ħajja, ħruq b'perikolu komuni, ħruq bla perikolu għall-ħajja tan-nies, ħruq ta' dwieli eċċ., distruzzjoni b'esplożjoni ta' mina, wiri ta' dwal foloz, eċċ., b'perikolu għan-navigazzjoni, u ħruq fi ħwejjeġ ta' wieħed innifsu taħt is-subtitolu IV tat-Titolu IX tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali; Kap. 9.

(g) importazzjoni illeċita ta' skart radjuattiv taħt l-artikolu 39 tal-Att dwar is-Sikurezza Nukleari u l-Protezzjoni mir-Radjazzjoni; Kap. 585.

(h) tentattiv jew assoċjazzjoni biex jitwettaq jew kompliċità fir-reati msemmija fil-paragrafi (a), (b), (ċ), (d), (e), (f) u (g) hawn fuq.";

(d) minnufih wara s-subpartita (2) tal-partita 3 tagħha, għandha tiġi miżjuda din is-subpartita ġdida li ġejja:

"(3) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet

tal-partita 2, il-Pulizija Eżekuttiva ma għandhiex fl-1 ta' Ottubru 2022 jew wara, tistitwixxi jew issegwi xi prosekuzzjoni għar-reati elenkati fil-partita 1B fin-nuqqas ta' deċiżjoni li tittieħed mill-Avukat Ġenerali li ssir prosekuzzjoni."; u

(e) minnufih wara l-partita 3 tagħha, għandha tiġi miżjuda din il-partita ġdida li ġejja:

Kap. 9.

"4. F'din l-Iskeda kull referenza għal reat provdut fil-Kodiċi Kriminali jew f'xi liġi oħra għandha, sakemm il-kuntest ma jkunx jinħtieġ xort' oħra, tinqara u tinftiehem bħala li dak ir-reat qiegħed jiġi indikat permezz ta' referenza għan-nota marġinali tal-artikolu li jippreskrivih u kull diskrepanza bejn in-nota marġinali u l-kontenut tal-artikolu ma għandu ikollha ebda effett fuq l-inklużjoni f'din l-Iskeda tar-reat kif imfisser fit-test attwali tal-artikolu relattiv.".